**FIL-QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI ISTRUTTORJA**

**MAĠISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru: 34/2021**

**Il-Pulizija**
**(Supretendent James Grech, Spettur Anthony Scerri)**

**vs**

**Gianluca Caruana Curran**
**(ID 49983(M))**

**Charles Joseph Mercieca**
**(ID 258300(L))**

**Illum: 3 ta' Marzu 2021**

Il-Qorti,

Rat illi permezz tal-proċeduri odjerni, l-imputati **Gianluca Caruana Curran** u **Charles Joseph Mercieca** ġew akkużati talli:

F'dawn il-Gżejjer, fix-xahar ta' Novembru 2020 u/jew fil-ġimgħat u x-xhur ta' qabel, ittantaw li jħajjru lil Ivan Martin, ġurnalist impjegat mal-kumpanija 'Allied Newspapers Limited', sabiex jagħmel delitt, u ċioe` li bħala ġurnalist in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta` ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom Ivan Martin ma kellux jedd.

Rat illi fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021 inqrat u ġiet ikkonfermata l-akkuża bil-ġurament fil-konfront tal-imputati, sar l-eżami tal-istess imputati skont il-liġi u bdew jinstemgħu l-provi tal-Prosekuzzjoni;

Rat illi fis-seduta tas-17 ta' Frar 2021, komplew jinstemgħu l-provi tal-Prosekuzzjoni;

Rat ukoll illi fis-seduta tal-24 ta' Frar 2021, id-difiża kkontestat li hemm raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputat Charles Joseph Mercieca jitqiegħed taħt att ta' akkuża, fil-waqt illi fil-konfront tal-imputat Gianluca Caruana Curran irrimettiet ruħha għad-deċiżjoni tal-Qorti;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Uffiċjal Prosekutur l-Ispettur Anthony Scerri, kif ukoll ta' Dr. Stephen Tonna Lowell għall-imputati;

Rat il-provi kollha li tressqu u l-atti kollha tal-proċeduri;

Rat illi l-kawża ġiet differita għal-lum sabiex din il-Qorti tiddeċiedi jekk, fid-dawl tal-provi miġbura u mismugħa f'dan l-istadju, jeżistux raġunijiet biżżejjed sabiex l-imputati jitqiegħdu taħt att ta' akkuża.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-akkuża addebitata lill-imputati hija msejjsa fuq id-disposizzjonijiet tal-Artikolu 120 tal-Kodiċi Kriminali li jgħid hekk:

> "120. (1) Fil-każijiet imsemmija fl-artikoli 115, 116, 117 u 118, il-persuna li tikkorrompi uffiċjal jew impjegat pubbliku jew membru tal-Kamra tad-Deputati jew persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra, skont il-każ, titqies li hija kompliċi.
>
> (2) Jekk l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra ma jagħmilx id-delitt, il-persuna li tittanta li tħajjar lil dan l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew persuna oħra biex jagħmel id-delitt teħel, meta tinstab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin:"
>
> …

L-Artikolu 115 tal-Kodiċi Kriminali li għalih fost oħrajn jagħmel referenza l-Artikolu 120 appena ċitat, jgħid hekk:

> "115. (1) Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinstab ħati –

(a) jekk l-iskop tal-ħlas, tal-wegħda jew tal-offerta, ikun sabiex l-uffiċjal jew l-impjegat jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin;

(b) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, il-piena ta' priġunerija minn disa' xhur sa ħames snin;

(c) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sena sa tmien snin."

L-Artikolu 121 tal-Kodiċi Kriminali, imbagħad, ikompli jgħid hekk:

"121. (1) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu jgħoddu għal u dwar kull persuna li tkun mogħtija jew li jkollha funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-amministrazzjoni ta' korp imwaqqaf b'liġi jew xi korp ieħor li jkollu personalita` ġuridika distinta, jew li tkun impjegata ma' dak il-korp, kif igħoddu għal jew dwar uffiċjal jew persuna msemmija fl-artikolu 112 jew uffiċjal jew impjegat pubbliku msemmi fl-artikolu 115.

…

(3) Id-dispożizzjonijiet ta' dan is-sub-titolu dwar xi uffiċjal jew persuna msemmija fl-artikolu 112 jew xi uffiċjal jew impjegat pubbliku msemmija fl-artikolu 115 għandhom ikunu wkoll japplikaw għal u dwar kull impjegat jew persuna oħra meta dawn ikunu qed imexxu jew jaħdmu f'xi kapaċita` għal jew f'isem xi persuna naturali jew ġuridika li tkun qed taħdem fis-settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet kummerċjali tagħha, sew b'mod dirett sew permezz ta' xi intermedjarju u bi ksur ta' dmirijiet tagħha, ġġib ruħha b'xi mod minn dawk li hemm provdut dwarhom f'dawk l-artikoli:

Iżda għall-finijiet ta' dan is-subartikolu l-frażi "ksur ta' dmirijiet" tinkludi kull imġieba mhux leali li tikkostitwixxi ksur ta' xi dmir statutorju, jew, skont il-każ, ksur tar-regolamenti jew struzzjonijiet professjonali, li jkunu japplikaw fi ħdan il-kummerċ inkwistjoni."

Dawn huma d-disposizzjonijiet tal-liġi li jirregolaw ir-reat ta' korruzzjoni fil-privat. Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-11 ta' Frar 2013, fl-ismijiet **Il-Pulizija (Spettur Angelo Gafa`) vs Anthony Cassar**, il-Qorti qalet hekk dwar dawn id-disposizzjonijiet tal-liġi:

> “Permezz tal-artikolu 121(1) tal-Kap. 9, il-Leġislatur estenda n-nozzjoni ta’ korruzzjoni għal dawk kollha li jkollhom x’jaqsmu mal-amministrazzjoni ta’ korp imwaqqaf b’liġi jew xi korp ieħor li jkollu personalita` ġuridika distinta jew li tkun impjegata ma’ dak il-korp. Barra dan huwa applika l-artikolu 115 fl-intier tiegħu u ma qagħadx jiddistingwi bejn (a)(b) u (ċ).
>
> Is-subinċiż (3) tal-artikolu 121 jkompli jsaħħaħ dan għax japplika l-artikolu 115 ‘għal u dwar kull impjegat jew persuna oħra meta dawn ikunu qed imexxu jew jaħdmu f’xi kapaċita` għal jew f’isem xi persuna naturali jew ġuridika li tkun qed taħdem fis-settur privat li xjentement, matul l-attivitajiet kummerċjali tagħha, ġġib ruħha b’xi mod minn dawk li hemm provdut dwaru f’dawk l-artikoli (112 u 115). Għal darb’oħra l-leġislatur japplika l-artikolu 115 fl-intier tiegħu.
>
> Taħt dan is-sub-inċiż hemm xi tfisser il-frażi ‘ksur ta’ dmirijiet’…
>
> Permezz tal-artikolu 120(1) in-nozzjoni ta’ kompliċi kienet estiża għal dawk il-persuni li jaħdmu fil-privat għaliex it-tieni parti tas-sentenza tirreferi għal ‘persuna li dwarha japplika xi artikolu minn dawk imsemmija skont kull dispożizzjoni taħt dan il-Kodiċi jew taħt kull liġi oħra.’ Ġaladarba l-artikolu msemmi (115) kien estiż għal dawk li jkunu jaħdmu mal-privat, isegwi li n-nozzjoni ta’ ‘kompliċi’ ġiet ukoll estiżi għall-każi ta’ fejn persuna xxaħħam persuna li tkun taħdem fil-privat biex taqla’ xi favur.”

Fil-każ appena ċitat, il-Qorti ma daħlitx fid-disposizzjonijiet tal-Artikolu 120(2) tal-Kodiċi Kriminali għaliex ma kinux applikabbli għal dak il-każ. Madankollu, huwa evidenti minn qari tal-istess sentenza u tas-sub-inċiż (2) tal-imsemmi artikolu, illi r-raġunament ta’ dik il-Qorti japplika bl-istess mod għall-istess sub-inċiż (2), tant illi dan is-sub-inċiż jitkellem dwar “*l-uffiċjal jew impjegat pubbliku jew <u>persuna oħra</u>*”. Dwar dan ir-reat, il-Professur Mamo fin-noti tiegħu jgħid hekk, għalkemm fiż-żmien meta l-Artikolu 121 (qabel l-Artikolu 119) ma kienx dak li huwa llum u allura l-Professur Mamo jitkellem biss dwar l-uffiċjal pubbliku:

> “This special crime is … committed whenever a bribe is offered to a public servant and such offer is not <u>accepted</u>. That is what the law means when it says: “the officer or public functionary <u>has not committed the crime</u>.” It does not refer to the actual failure from his duty: but <u>to the mere acceptance</u>, for as we have seen, the crime of corruption is completed in all its essential constituents, by the mere acceptance: the additional failure from duty only aggravates the punishment. If the offer of bribery is not accepted the public servant is

> not guilty of any wrong but the person making the offer is guilty precisely of this special crime."[1]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi dak li din il-Qorti jeħtieġ li tiddeċiedi dwaru huwa jekk hemmx raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqiegħdu taħt att ta' akkuża u dan fit-termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> "Meta tingħalaq il-kompilazzjoni, il-qorti tiddeciedi jekk ikunx hemm jew ma jkunx hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża. Fl-ewwel każ, il-qorti, tibgħat l-imputat biex jitqiegħed taħt dak l-att ta' akkuża quddiem il-Qorti Kriminali, u, fit-tieni każ, tordna l-liberazzjoni tiegħu."

Fil-kors tat-trattazzjoni tagħha, id-difiża sostniet wara li anke l-Prosekuzzjoni aċċennat għal dan, illi l-livell ta' prova li l-Prosekuzzjoni trid tilħaq biex l-imputat jitqiegħed taħt att ta' akkuża, huwa dak tal-probabbli u dan fuq stregwa ta' numru ta' sentenza ċitati mill-istess difiża fl-istess trattazzjoni tagħha. F'dan is-sens id-difiża għamlet referenza għas-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta bħala Qorti Struttorja tas-16 ta' Lulju 1981, fl-ismijiet **The Police (Inspector John Suda) vs Alfred John Gaul**, li għamlet referenza għal dak deċiż mill-Qorti Kanadiża fil-każ **R. v. Latta** tal-1961 dwar ir-responsabilita` tal-Maġistrat fl-għeluq tal-kumpilazzjoni:

> "he must do more than decide that there is evidence for a jury to consider. In order to commit for trial, the evidence must be such as to cause him to form the opinion that the accused is probably guilty; if he has any doubt he must commit for trial. If there is no or insufficient evidence he must discharge the accused, but before doing so he must satisfy himself beyond all probabilities and be careful not to usurp the jury's functions and not to deal with the preponderance of evidence. If the evidence is such that, if presiding at a jury trial, he would direct a verdict of not guilty he must discharge the accused."

Id-difiża għamlet referenza wkoll għas-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali tal-14 ta' Frar 2006 fl-ismijiet **Mark Charles Kenneth Stephens vs L-Avukat Ġenerali** fejn ingħad hekk dwar l-irwol tal-Qorti fid-deċiżjoni tagħha ai termini tal-Artikolu 401(2) tal-Kodiċi Kriminali:

> "Ghalkemm generalment jinghad li l-Qorti Istruttorja, fl-istadju kontemplat fl-imsemmi Artikolu 401(2), tiddeciedi fuq bazi prima facie, dan ma jfissirx li d-decizjoni hija wahda "superficjali". Ifisser

[1] Notes on Crimina Law, Vol. II, paġna 89

> biss li, jekk ikun hemm provi mressqa mill-prosekuzzjoni li a bazi taghhom l-imputat jista' jinstab hati ta' reat fil-kompetenza tal-Qorti Kriminali, anke jekk hemm provi ohra li jistghu igibu fix-xejn dawk il-provi, il-Qorti Istruttorja ghandha xorta wahda tiddeciedi li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza – ghax altrimenti l-Qorti Istruttorja tkun qed taghmel apprezzament tal-provi li jispetta biss lill-Qorti Kriminali jew lill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Pero` huwa certament fil-kompetenza tal-Qorti Istruttorja li tara jekk hemmx il-presupposti fattwali kollha tar-reat addebitat (jew ta' xi reat kompriz u involut f'dak addebitat), cioe` li l-elementi kollha tar-reat ikunu jirrizultaw imqar fuq bazi ta' probabbilita`. L-ezempju klassiku huwa ta' persuna li tigi akkuzata bir-ricettazzjoni ta' oggett allegatament misruq: jekk fi tmiem il-kumpilazzjoni, minkejja kull prova dwar il-prezz irrizorju li bih l-oggett ikun inxtara mill-imputat, jew dwar xi jkun haseb l-imputat fir-rigward tal-provenjenza tal-oggett li jkun xtara, ma jkunx hemm prova li l-oggett kien fil-fatt misruq, il-Qorti Istruttorja tkun altru milli gustifikata li tiddeciedi li ma hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht att ta' akkuza. Il-presupposti fattwali jigu nieqsa wkoll jekk il-fatti li jkunu rrizultaw matul il-kumpilazzjoni ma jkunux jammontaw ghar-reat addebitat ... [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Madankollu fit-trattazzjoni tagħha, id-difiża għamlet referenza wkoll għal deċiżjoni oħra tal-Qorti Kriminali tas-27 ta' Frar 2014, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Giovanni Calcaterra** li qieset illi l-grad rikjest fl-istadju tal-*prima facie* mhuwiex dak tal-probabbli, iżda huwa ferm inqas minn dan:

> "Il-Qorti tal-Magistrati bbazat id-decizjoni taghha fuq il-livell tal-prova tal-probabbli u ddecidiet li l-provi milhuqa sa dak l-istadju ma jissodisfawx "gudikant dwar l-elementi kollha tar-reati ipotizzati almenu sal-grad tal-probabbli". Bir-rispett, dan hu zbaljat ghax il grad li jrid jintlahaq huwa ferm anqas minn hekk u jidhol x'imkien bejn il-possibbli u l-probabbli. Jekk il-Magistrat ikun sodisfatt li mill-provi mismugha hemm almenu "a case to answer" li jimmerita aktar investigazzjoni, allura l-livell ta' prova "prima facie" intlahaq u l-proceduri jistghu jitkopmplew. Anke jekk, ghall-grazzja tal-argument, il-provi jkunu "hearsay evidence" dawn f'certi cirkostaniz jista' jigi kkunsidrati mill-Qorti meta jkunu ta' "importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawza jew ikun jaghmel parti mill-meritu..." (ara l-art. 598 tas-COCP res applikabbli ghall-kriminal bl-artiklu 645 tal-Kap. 9).
>
> Ghal spjegazzjoni aktar profonda tat-tifsira tal-prova "prima facie" il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni minnha moghtija fl-atti tar-rikors "Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulizija" deciza fit-23 ta' Settembru, 2010, ikkwotat mill-istess Magistrat Istruttur li pero' deherlu li kellu jaghmel differenza bejn il-"prima facie" f' kaz ta' sfida

lill-Kummissarju tal-Pulizija (Art. 541 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta) u r-ragunijiet sabiex imputat jitqieghed taht att ta' akkuza.

Din il-Qorti ttenni li t-tifsira hija wahda, tintuza fejn tintuza u dak li japplika ghall-isfida japplika wkoll ghad-digriet tal-gheluq tal-kumpilazzjoni.

L-istess Magistrat qal li mill provi migbura sa dak l-istadju hemm altru minn suspett ragjonevoli (sottolinear ta' din il-Qorti) li l-imputat jista' jkun involut fil-kommissjoni ta' xi reati ipotizzati fil-konfront tieghu. Ghawnhekk, il-Magistrat qieghed imur oltre l-possibbli u jammetti li l-kaz jimmerita aktar investigazzjoni fejn allura kellu jordna li l-kaz jitkompla skond il-ligi. Anke jekk, ghal grazzja tal-argument, il-Magistrat ikollu xi dubbju dwar il-provi mressqa, dan id-dubbju f'dawn ic-cirkostanzi, ghandu jmur favur "committal" u mhux favur "discharge".

Fil-kawza "Pulizija vs Alfred John Gaul" deciza mill-Magistrat (Illum Imhallef) Lino Agius, intqal:

> *"If upon evaluating the evidence produced, the Court comes to a conclusion that there is a prima facie case to answer in the sens that ther is enough evidence in which .. indictment could be drawn up, then the Court must commit defendant for trial.*
>
> *If on the other hand, upon evaluating the evidence adduced, the Court is of the opinion that such evidence on the face of it does not reasonably point to a possibility of guilt, than the Court must discharge defendant.*
>
> *Any doubts, however, as to such possibility of guilt must not be ruled upon by the Court to which would therefore be bound to commit."*

Quindi, jekk il-Magistrat kellu mqar xi dubbju dwar il-possibilita` ta' htija, huwa wkoll messu ordna li l-kaz jitkompla, ahseb u ara meta ma jkollux dan id-dubbju u jiddikjara li kellu "altru minn suspett ragjonevoli" li l-imputat seta kien hati. F'dawn ic-cirkostanzi l-Magistrat ghandu jordna li l-imputat ghandu jitqieghed taht att ta' akkuza." [sottolinear ta' dik il-Qorti]

Illi fis-sentenza tal-Qorti Kriminali tat-23 ta' Settembru 2010, fl-ismijiet **Anthony Xuereb vs Il-Kummissarju tal-Pulizija**, il-Qorti qalet hekk:

"Din il-Qorti pero' jidhrilha illi f'dan il-kaz il-grad ta' prova rikjest huwa anqas minn dak ta' probabilita' w taghmel referenza ghall-awtur Blackstone (at D6.21) meta jghid "thus, the standard of proof the prosecution are now required to satisfy at committal proceedings is very low, lower than that resting on plaintiff in civil proceedings. It is

commonly expressed as establishing a prima facie case or case to answer."

Ghad li hawnhekk Blackstone qed jirreferi ghall-"committal proceedings" u cioe' l-Istruttorja, l-anologija ghandha tapplika ghal dan il-kaz.

Fil-kaz ta' kumpilazzjoni, l-Magistrat ma joqghodx jidhol fil-meritu tax-xhieda prodotta w jekk iwasslux ghall-htija jew le, lanqas sal-grad tal-probabbli imma biss jara jekk jezistux ragunijiet (fit-test Ingliz "grounds") sabiex jibghat l-atti lill-Avukat Generali ghall-konsiderazzjoni ulterjuri tieghu.

Hija importanti illi f'dan il-kaz il-Qorti ma tikkunsidrax ix-xhieda (evidence) izda biss tara jekk jezistux ragunijiet (the grounds) li huwa differenti minn kunsiderazzjoni tax-xhieda w dawn ir-ragunijiet huwa f'livell aktar baxx minn dak tal-probabbli.

Naturalment ma nistghux immorru l-estrem l-iehor u naslu biex nallokaw il-grad ta' prima facie ghal dak illi huwa possibbli jew suspettuz. Fil-fatt f'R. Vs Codan, Qorti Kanadiza, meta kienet qed tiddiskuti l-vera tifsira tal-kliem prima facie qalet "the mere possibility or suspicion that an accused is guilty is not enough to warrant his committal for trial. The crown, however, need only show in the preliminary enquiry that the accused is probably guilty and any doubt in this respect should be resolved in favour of committal".

Din is-sentenza tidher illi qed tezigi grad ta' prova ftit ghola minn dak illi jghallem il-Blackstone, fejn, skond hu, l-prima facie hija "lower than that resting on a plaintiff in civil proceedings".

Il-Qrati Maltin pero' donnhom sabu t-triq tan-nofs u meta jikkonsidraw provi prima facie, haga komuni hafna fil-kamp kriminali, ghal dak li hu l-Istruttorja, jekk il-Magistrat jidhirlu illi provi migjuba quddiemu jisthoqqilhom aktar investigazzjoni, allura f'dak il-kaz huwa bizzejjed sabiex il-grad ta' prima facie jigi milhuq u l-kawza tkun tista' titkompla."

Illi deċiżjoni oħra f'dan ir-rigward hija dik tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja tal-21 ta' Diċembru 2001, fil-kawża fl-ismjiet **<u>Il-Pulizija vs Melchior Spiteri</u>**:

"Fil-fatt il-**Professur Mamo** fin-**Noti** tieghu taht l-intestatura **Nature of Gurisdiction - Court of Criminal Police as Court of Criminal Inquiry** jispjiega billi jghid:

"This is not a court of trial but a court of inquiry. In other words its function is not that of **deciding** on the merits of the charges brought before it but that of collecting and conserving the evidence and compiling the record which may eventually serve as the basis for the trial before the criminal court."

Il-Qorti ma thossx li ghandha taghmel referenza ghal posizzjoni Ingliza u dan ghaliex skond l-artikolu 6(1) tal-**Magistrates Court 1980**, il-posizzjoni gewwa l-Ingilterra hija differenti ghall-ahhar. Dan l-artikolu jiddisponi is-segwenti:

"If examining justices on consideration of the evidence… that there is sufficient evidence to put the accused on trial by jury for any indictable offence they shall commit him for trial and if they are not of that opinion, they shall… discharge him."

Ghalhekk minnufih jirrizulta li l-ligi taghna tipprovdi ghal test aktar baxx minn dak li llum tipprovdi l-ligi Ingliza u dan ghaliex fil-fatt l-ligi taghna tuza l-frazi ragunijiet bizzejjed u mhux evidenza jew provi bizzejjed u ghalhekk minhabba din d-distinzjoni, ghalkemm tidher zghira, pero fl-interpretazzjoni taghha hija wahda ta' importanza kbira u ta' tifsira profonda, il-Qorti ma hiex ser ticcita sentenzi Inglizi.

Hawnhekk il-Qorti tinnota certa differenza bejn t-taghlim Ingliz u l-Ligi Maltija, ghaliex filwaqt li awturi Inglizi bhal **Blackstone** jitkellem dwar evidence, l-artikolu 401 (2) tal-kap 9 jitkellem dwar 'grounds…'
"…sufficient grounds for committing the accused for trial."

Dan jfisser kwindi li jekk fil-konsiderazzjoni tal-provi il-grad ta' prima facie ikun sodisfatt b'livell baxx hafna, inqas minn dak probattiv fil-kamp civili, multo magis jintlahaq b'livelli ferm aktar baxxi fil-konsiderazzjonijiet ta' ragunijiet fil-kamp istruttorju. Ghalhekk, jekk il-Qorti jidhrilha li fil-kumpless tal-provi prodotti, il-kawza timmerita skrutinju aktar profond, allura dan jfisser li jkun hemm "a case to answer" u dan fih nnifsu huwa raguni bizzejjed biex tordna li l-akkuzat jitqieghed taht att ta' akkuza. Dan l-insenjament gie moghti minn **Qorti tal-Magistrati Sede Istruttorja ta' Ghawdex nhar l-erbgha w ghoxrin ta' Frar, 2000** fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ronald Vella**.

…

Sabiex il-Qorti tkompli fuq il-hsieb originali taghha u cioe xi tfisser prima facie l-ezercizzju li ghandha taghmel din il-Qorti hu li tara jekk meta tiehu l-provi at their face value minghajr xi diskwizizzjonijiet profondi jew ezercizzju ta' apprezzament ta' kredibilita o meno ta' xhieda minghajr ma tipprova tirrisolvi dak li jista jidhrilha li jammontaw ghal

kontrasti jew kontradizzjonijiet. Il-Qorti ghandha tiehu l-provi bhal li huma dawk li jidhru li huma u taccettahom at their face value, imbaghad il-Qorti trid tiddecidi jekk f'dan kollu tirriskontrax ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza u dan kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja nhar il-hamsa ta' Frar, 1996 fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Meinrad Calleja**.

"Il-principju li jopera f'dan l-istadju hu, li f'kaz ta' dubbju, jekk hemmx jew le tali ragunijiet bizzejjed allura tali dubbju ghandu jigi rizolt favur decizjoni ta' committal ghaliex kif intqal f'din l-istess sentenza, biex l-imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza ghaliex imbaghad jispetta lil Avukat Generali jiddecidi ghandux jigbor provi godda biex f'dak il-kaz il-fatti jigu apprezzati mill-gudikant jew gurija li jiddecidu fuq il-meritu, ghandux johrog Att ta' Akkuza jew nulle prosequi. Kieku din il-Qorti tidhol biex tevaluta ix-xhieda moghtija f'dan l-istadju tkun qed tuzurpa funzjonijiet spettanti lil Qorti ta' Gudikatura jew lil gurija."……

Il-Qorti hawnhekk tirrileva li kif hija kostitwita u cioe fl-istadju ta' Istruttorja, m'ghandix taghmel valutazzjoni u apprezzament tal-provi, ghandha biss tistabilixxi jekk prima facie l-provi humiex sufficjenti biex isir committal, pero dan isir billi tigbor ix-xhieda imressqa mill-Prosekuzzjoni u m'ghandhix tiggudika l-meritu tax-xhieda taghhom.

In fatti kif qal Lord Goddard CJ:

"…the decision is merely that there is a prima facie case and it need not affect the ultimate result as it is the jury of the court of criminal judicature that ultimately decides the effect of all the evidence at the conclusion of the hearing."

Il-Qorti thoss ghalhekk li ghandha taghmel referenza ghas-sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Meinrad Calleja** fuq imsemmija partikolarment ghal dik il-parti li ser tigi riprodotta testwalment:

"Jerga jinghad ghalhekk li dak li ghandha taghmel din il-Qorti fl-istadju ta' Istruttorja,huwa li tara jekk mill-provi li ghandha quddiemha hemmx ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpogga taht Att ta' Akkuza. Jigi rilevat hawn li l-artikolu 401(2) tal-Kodici Kriminali juza l-kliem "ragunijiet bizzejjed" u mhux "provi bizzejjed" bhalma kultant erronjament jigi miftiehem w interpretat. Il-Qorti m'ghandhix tara jekk il-provi humiex bizzejjed prima facie, izda ghandha tara jekk jezistux ragunijiet bizzejjed prima facie. L-attenzjoni tal-legislatur biex juza l-kelma 'ragunijiet' u mhux il-kelma 'provi' hawnhekk hija wahda cara, cioe stante li din il-Qorti Istruttorja m'ghandhix l-funzjoni li tiddecidi hi dwar il-htija o meno tal-imputat u dwar jekk il-provi humiex tali li ma jhallux

dubbju ragjonevoli li allura tali dubbju ghandu jmur favur l-imputat bhal ma taghmel il-Qorti ta' Gudikatura Kriminali, li hija Qorti ta' decizjoni u allura sabiex tasal ghal dik id-decizjoni ghandhom japplikaw r-rules of evidence specjalment l-grad ta' prova necessarja f'dak l-istadju biex tinstab htija. F'dan l-istadju ta' Istruttorja dan il-grad ta' prova ma japplikax u effettivament japplika grad ta' prova ferm inqas fejn id-dubbju li jista jkun hemm ghandu jkun relatat biss jekk hemmx jew ma hemmx ragunijiet prima facie biex l-imputat jitpogga taht Att ta' Akkuza. Dan jfisser ghalhekk li f'dan l-istadju jekk hemm dubbju dwar ragunijiet stante li dan mhux d-dubbju ragjonevoli fl-istadju ta' Qorti ta' Gudikatura wkoll ai fini tal-artikolu 401(2) tal-Kap 9 ghandha tghid li hemm ragunijiet bizzejjed biex l-imputat jitpogga taht Att ta' Akkuza u dan ikun qed isir minghajr b'ebda mod ma jeffettwa jew jirrifletti fuq d-decizjoni finali u definittiva f'kull procediment fi stadju ulterjuri u superjuri."

Hawnhekk pero il-Qorti qed taghmilha cara daqs il-kristall li bl-ebda mod ma hi qed titfa xi dawl fuq il-htija o meno tal-imputat ghar-reat addebitat lilu, u bl-ebda mod u taht l-ebda cirkostanzi ma trid li tigi nterpretata li qed taghmel dan biex tinfluwixxi lil min ghad irid jiddecidi fuq il-fatti.

…

In konkluzzjoni il-Qorti taghmel referenza ghad-digriet tal-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti Istruttorja tat-tnejn u ghoxrin ta' Marzu, 1991 fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Nicholas Ellul**, fejn dik il-Qorti kkonkludiet li meta Qorti Istruttorja tigi biex tapplika l-artikolu 401(2) trid ma tintralcjax l-funzjonijiet tal-Avukat Generali, li huma indikati fl-artikolu 430 et seq tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u li fosthom hemm li jinhareg Att ta Akkuza, li ma tintralcjax is-setgha tal-Guri u tal-Qorti Kriminali specifikatament skond kif indikaw fl-artikolu 436(2) ibid, tara li l-provi li gew prodotti sakemm inghalqet l-kumpilazzjoni taht l-aspetti kollha relevanti ghal dan l-istadju sabiex tasal ghal konkluzzjoni li jekk l-imputat jitqieghed taht Att ta' Akkuza bbazat fuq dawk kontenuti fir-rapport guramentat tal-pulizija, ikun possibbli prima facie li tinsab verita in rigward l-imputat. Jekk ma hemmx provi fis-sens ta' nuqqas totali ta' provi prodotti minn dawk viva voce quddiem l-istess Qorti fil-presenza tal-imputat jew f'kaz li l-istess provi jkunu manifestament insufficjenti, il-Qorti ghandha tillibera. Pero il-Qorti hawnhekk m'ghandhix tidhol f'dawk il-fatturi l-ohra kollha li l-Imhallef tal-Qorti Kriminali irid jispjiega lil Gurija, lanqas m'ghandha il-Qorti Istruttorja tiddecidi dwar kredibilita ta' xhieda, dwar l-univocita tal-provi, dwar jekk hemmx

> korroborazzjoni necessarja f'kaz ta' komplicita, jew jekk saritx jew le 'retraction' da parti ta' xhud ta' xhieda li nghatat qabel mill-istess xhud.[2]

Illi stabbilita l-ġurisprudenza in materja, jeħtieġ illi l-Qorti tapplika l-prinċipji suesposti għall-każ odjern u tgħaddi sabiex tiddeċiedi jekk, a bażi tal-provi prodotti, jistax jingħad illi hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputati jitqiegħdu taħt att ta' akkuża.

Fil-konfront ta' l-imputat Gianluca Caruana Curran, id-difiża ma ressqet l-ebda kontestazzjoni u effettivament il-Qorti tqis fid-dawl tal-atti proċesswali illi da parti tal-istess imputat, hemm *a case to answer* u allura hemm raġunijiet biżżejjed biex l-istess imputat jitpoġġa taħt att ta' akkuża.

Il-kontestazzjoni tad-difiża fir-rigward tal-imputat l-ieħor Charles Joseph Mercieca hija fis-sens illi hemm assenza totali ta' provi li jistgħu jorbtuh mar-reat li bih qed jiġu akkużati ż-żewġ imputati.

Issa kif ingħad iżjed 'il fuq, f'dan l-istadju l-Qorti m'għandhiex tqis u teżamina kwalunkwe kunflitt li jista' jirriżulta bejn verżjoni u oħra u lanqas m'għandha tagħmel eżami profond tal-istess provi jew tal-mertu tal-każ. Biss fil-fehma tal-Qorti, il-fatt illi l-imputat Charles Joseph Mercieca kellu numru ta' inkontri max-xhud Ivan Martin, inkluż inkontru nhar it-2 ta' Novembru 2020 fuq talba tal-istess Charles Joseph Mercieca wara inkontru ieħor li kien seħħ il-Ġimgħa ta' qabel, il-fatt illi dakinhar tat-2 ta' Novembru 2020, huma ltaqgħu fl-uffiċju tal-istess Charles Joseph Mercieca u illi f'din il-laqgħa fejn kien hemm l-allegata offerta` tal-flus lil Ivan Martin, kienu preżenti kemm f'xi ħin il-ko-imputat Gianluca Caruana Curran, kif ukoll l-istess Mercieca u in oltre illi l-*email* li ntbgħatet minn Charles Joseph Mercieca lil diversi *media houses* inkluż lill-editur tat-*Times of Malta* nhar l-4 ta' Novembru 2020, b'reazzjoni għall-artikolu tat-*Times of Malta* tat-3 ta' Novembru 2020, f'partijiet minnha, titkellem fil-plural u ma tirreferix biss għalhekk għall-imputat Gianluca Caruana Curran, iwassluha sabiex tiddeċiedi illi fil-konfront tal-imputat Charles Joseph Mercieca ukoll hemm *a case to answer* u illi l-provi miġbura jistħoqqilhom iżjed investigazzjoni. Għaldaqstant, il-Qorti tqis illi anke fir-rigward tal-imputat Charles Joseph Mercieca hemm biżżejjed raġunijiet sabiex huwa jitqiegħed taħt att ta' akkuża.

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tiddeċiedi li hemm raġunijiet biżżejjed biex l-imputati Gianluca Caruana Curran u Charles Joseph Mercieca jitqiegħdu taħt att ta' akkuża u għalhekk tibagħthom biex joqogħdu taħt dak l-att quddiem il-Qorti kompetenti.

---

[2] Ara wkoll f'dan is-sens **Il-Pulizija vs Carmel Decelis et**, deċiża fil-15 ta' Ġunju 2001 u **Il-Pulizija vs Aimem Said Giali El Baden et**, deċiża fis-17 ta' Marzu 1998; Qorti tal-Magistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, per Maġistrat Dr. Consuelo Scerri Herrera.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 401(3) tal-Kodiċi Kriminali tordna li l-atti tal-kumpilazzjoni jintbagħtu lill-Avukat Ġenerali fiż-żmien mogħti mil-liġi.

**Natasha Galea Sciberras**
**Maġistrat**